MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1246/2013

**Il-Pulizija
L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni
[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Fardousi Baderdeen Said**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fardousi Baderdeen Said detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 13V-063

Akkuzat talli:
F’xi jum mix-xahar ta’ Novembru 2013, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn l-gzejjer bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta, naqas illi jkollu passaport u naqas milli jaghti lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali

tal-Immigrazzjoni jidhrilu xieraq li jehtieg ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat illi l-akkuza titratta biss illi l-imputat hareg barra minn Malta minghajr passaport; u

Rat illi l-imputat ghandu eta` ternera u cioe` ta’ dsatax-il sena.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28 u 31 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Fardousi Baderdeen Said hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------